MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 388/2008/2

**Avviz Numru: 388/2008 SM**

**Mario Tonna**

**vs**

**Edwin Camilleri ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` L & M Camilleri Ltd**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fid-19 ta' April 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti,***

*Rat ir-rikors promotur datat id-9 ta' Dicembru tas-sena 2008, li permezz tieghu r-rikorrenti Tonna talab lil din il-*

*qorti diversament preseduta sabiex tirrevoka "contrario imperio" d-digriet taghha datat il-21 ta' Novembru tas-sena 2008 u tappunta r-rikors datat il-21 t'Ottubru tas-sena 2008, ghas-smigh tal-partijiet a tenur tal-artikolu 116A (5) tal-Kap 12.*

*Rat ir-risposta tal-intimat Camilleri nomine datata l-31 t'Ottubru tas-sena 2008;*

*Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat l-4 ta' Novembru tas-sena 2008;*

*Rat id-digriet tal-istess qorti indikata fil-paragrafu precedenti datat il-21 ta' Novembru tas-sena 2008, li permezz tieghu cahdet it-talba tar-rikorrenti u zammet ferm it-titolu ezekuttiv imsemmi;*

*Rat id-dokumenti annessi;*

*Rat ix-xhieda hemm mismugha;*

*Ezaminat is-sentenza ta' din il-qorti diversament preseduta datata l-10 ta' Gunju tas-sena 2009, li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm espressi laqghet it-talba tar-rikorrenti u rrevokat "contrario imperio" d-digriet taghha tal-21 ta' Novembru tas-sena 2008 fuq indikat;*

*Rat ir-rikors tal-appell datat l-24 ta' Lulju tas-sena 2009;*

*Rat ir-risposta tal-appell datata t-3 t'Awwissu tas-sena 2009;*

*Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata l-11 ta' Dicembru tas-sena 2009 li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm esposti, ordnat ir-revoka tas-sentenza fuq riferita u rrinvjat l-atti lill-ewwel qorti ghad-decizjoni skont il-ligi;*

*Ikkunsidrat:*

*Rat l-atti prodotti fejn il-partijiet involuti nfurmaw lill-qorti li kienet "saret konfuzjoni enormi fil-procedura u ghaldaqstant jitolbu illi l-atti rilevanti jkunu r-rikors*

*promotur datat 2 ta' Dicembru tas-sena 2008, li ghalih l-intimat jitlob zmien biex jirregistra risposta ghall-istess zmien li tirrizulta mill-process li dahlet fi process zbaljat", (ara fol 124);*

*Rat ir-risposta tal-intimat Camilleri datata s-17 ta' Novembru 2010, li permezz taghha annetta kopja tar-risposta ghar-rikors promotur, (ara fol 125 et sequitur);*

*Rat l-istess risposta fuq riferita originarjament datata t-18 ta' Frar tas-sena 2009 li sintetikament teccepixxi s-segwenti:*

*1. Illi l-meritu ndirizzat mir-rikors promotur odjern hu "res judicata" stante li d-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-21 ta' Novembru tas-sena 2008 ma giex appellat;*

*2. Illi ma jezisti l-ebda rikors datat il-21 t'Ottubru tas-sena 2008;*

*3. Illi filwaqt li taghmel referenza ghar-risposta originali tieghu ghar-rikors datat il-31 t'Ottubru tas-sena 2008, fil-meritu izomm ferm l-eccezzjonijiet tieghu; jitlob li t-talbiet tar-rikorrenti jigu michuda bl-ispejjez; u konsegwentement jigi rikonfermat it-titolu ezekuttiv naxxenti mill-ittra ufficjali ezekuttiva bin-numru 3648/08 bl-ispejjez;*

*Ezaminat id-dokumenti anness;*

*Rat ix-xhieda hemm mismugha;*

*Ezaminat is-sentenza ta' din il-qorti diversament preseduta datata l-11 ta' Dicembru tas-sena 2009 li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, irrevokat il-provvediment moghti mill-ewwel qorti, bl-ispejjez kif hemm indikat;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi s-saga li rrizultat fil-procedura odjerna hi naxxenti minn ittra ufficjali bin-numru 3648/08 mahruga mill-intimat*

*Camilleri kontra r-rikorrent Tonna, u hija datata t-2 ta' Settembru tas-sena 2008;*

*Illi din il-qorti diversament preseduta, preza b'rikors tar-rikorrenti odjern Tonna datat it-2 ta' Dicembru tas-sena 2008, u wara li ezaminat ukoll ir-risposta datata l-31 t'Ottubru tas-sena 2008, cahdet it-talba tar-rikorrenti u zammet ferm it-titolu ezekuttiv naxxenti mill-ittra ufficjali originali ndikata fil-paragrafu precedenti;*

*Illi minn ezami tax-xhieda prodotta quddiem din il-qorti diversament preseduta ma jirrizulta li hemm xejn x'jipperswadiha li ghandha issa timxi mod iehor;*

*Ghaldaqstant, filwaqt li takkolji r-risposta tal-intimat nomine fl-interezza taghha, tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti Tonna, bl-ispejjez."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mario Tonna datat 2 ta' Mejju 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar id-decizjoni appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess intimat.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tal-appellat Edwin Camilleri (KI 44755 M) ghan-nom ta' L & M Camilleri Limited (C-3590) datata 15 ta' Lulju 2011 a fol 14 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez ta' l-istanzi kollha kontra l-appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-13 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Joanne Vella Cuschieri ghall-appellat prezenti. L-appellant u d-difensur taghha msejhin diversi drabi ma dehrux. L-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta' Marzu 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 19 ta' April 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji tal-appellant huma li (a) li d-decizjoni tad-19 ta' April 2011 hija bla motivazzjoni u ghalhekk ghandha tigi annulata; (b) d-decizjoni moghtija fil-21 ta' Novembru 2008 ma tistax tigi kkunsidrata bhala *res judicata* ghaliex hija digriet interlokutorju kamerali u ghalhekk l-eccezzjoni ta' *res judicata* ma tistax tapplika ghalih; (c) l-eccezzjoni ta' *res judicata* ma gietx deciza b'kap ghaliha skond kif jipprovdi l-**artikolu 730 tal-Kap. 12** u dan gja gie senjalat fis-sentenza f'dawn il-proceduri tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 11 ta' Dicembru 2009 li annullat id-decizjoni tal-Ewwel Qorti f'din il-kawza stess datata 20 ta' Gunju 2009.

Illi l-fatti dwar dan l-appell gew gja elenkati fid-decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet premessi datata appuntu 11 ta' Dicembru 2009 u huma li:-

1. Fil-31 ta' Ottubru 2008 sar rikors sabiex tintalab ir-revoka tal-Ittra Ufficjali 3648/08 ghaliex tali notifika ma kienitx valida; saret risposta fit-12 ta' Novembru 2008 u inghata digriet datat 21 ta' Novembru 2008 in kamera.

2. Illi sar ir-rikors odjern datat 2 ta' Dicembru 2008 fejn saret talba abbazi tal-**artikolu 166 B tal-Kap. 12** ghar-revoka tad-digriet tal-21 ta' Novembru 2008 ghaliex ir-rikors tal-31 ta' Ottubru 2008 ma giex appuntat ghas-smiegh, ir-risposta tal-appellat qatt ma giet inserita fil-process, u dwar dan inghatat decizjoni mill-Ewwel Qorti, wara li l-istess rikors gie appuntat ghas-smiegh fl-10 ta' Gunju 2009.

3. Illi sar rikors iehor datat 13 ta’ Frar 2009 (Nru. 59/09) fejn intalbet is-sospensjoni tat-titolu esekuttiv. Dan gie wkoll deciz fl-10 ta’ Gunju 2009.

Illi fl-istess decizjoni ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tal-11 ta’ Dicembru 2009 id-decizjoni tal-Ewwel Qorti tal-20 ta’ Gunju 2009 giet anullata ghaliex ma gewx ikkunsidrati l-eccezzjonijiet tal-intimat appellat fir-risposta tieghu ghall-istess rikors datat 31 ta’ Ottubru 2008, proprju ghaliex l-istess risposta bi zball lanqas biss kien dahlet fil-process, u l-eccezzjoni ta’ *res judicata* qatt ma giet deciza b’kap separat ghaliha, qabel jew flimkien mad-decizjoni fil-mertu skond l-**artikolu 730 tal-Kap. 12,** u din kienet materja li kellha l-ewwel tigi eppurata mill-Ewwel Qorti, haga li ma saritx u allura l-atti gew rinvjati lill-Ewwel Qorti.

Illi wara li l-atti gew hekk rimandati lill-Ewwel Qorti u giet imdahhla fil-process ir-risposta tal-intimat, l-appellant odjern, kif jidher a fol. 126, fejn giet eccepita r-*res judicata* konsistenti fid-digriet tal-21 ta’ Novembru 2008, li ma giex appellat; li ma kien hemm ebda rikors tal-21 ta’ Ottubru 2008, u fejn saret riferenza ghar-risposta originali taghha tal-31 ta’ Ottubru 2008, inghatat decizjoni fid-19 ta’ April 2011 li hija fuq riportata.

Illi dwar l-aggravji mressqa ghall-istess decizjoni jidher car li l-eccezzjoni ta’ *res judicata* baqghet ma gietx deciza bil-mod kif indikat fis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza bejn l-istess ismjiet premessi datata 11 ta’ Dicembru 2009, u dan minkejja li l-istess decizjoni tghid car f’ghandu jsir sabiex tali decizjoni dwar l-eccezzjoni hemm imqajjma tigi ritenuta valida skond id-disposizzjonijiet tal-ligi. Dan irendi d-decizjoni tad-19 ta’ April 2011 nulla u bla effett.

Illi dwar l-ewwel aggravju li d-decizjoni ma hijiex motivata, din il-Qorti thoss li dan huwa ampjament gustifikat, ghaliex kull ma jidher li sar fid-decizjoni tal-Ewwel Qorti, hija li kkonfermat id-digriet kamerali moghti fil-21 ta’ Novembru 2008 u qalet *“li ma hemm xejn x’jipperswadiha li ghandha issa timxi mod iehor”.*

Illi certament li din ma hijiex motivazzjoni ta’ decizjoni, u dan ghaliex bl-ebda mod l-istess sentenza ma kkonsidrat it-talba tar-rikorrenti quddiemha fil-kuntest tad-difiza tal-appellat hemm imressqa, u ghalhekk ma hemmx lanqas dubju li tali decizjoni ma tosservax il-vot tal-Ligi, li decizjoni ghandha tigi motivata, u ghalhekk l-istess decizjoni hija nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Illi dwar l-aggravju l-iehor ma hemmx bzonn li din il-Qorti tinvestih ghaliex tali decizjoni gja giet iddikjarata nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi. Ma hemmx izjed x’isir hlief li ghal darba ohra l-atti jigu rimandati lill-Ewwel Qorti sabiex tinghata decizjoni skond il-ligi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appellat datata 15 ta’ Lulju 2011 in kwantu hija nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ l-appell interpost mill-appellanti Mario Tonna fir-rikors tal-appell tieghu datat 2 ta’ Mejju 2011 in kwantu konsistenti ma’ dak hawn deciz, b’dan li din il-Qorti qed thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 19 ta’ April 2011 fl-ismijiet “Mario Tonna vs Edwin Camilleri nomine” (Rikors 388/08) ghaliex hija nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi kif hawn deciz, u ghalhekk tibghat lura l-atti processwali lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex fid-dawl ta’ dak hawn deciz, jigi trattat u deciz il-mertu tar-rikors promotorju fid-dawl tar-risposta sollevata mill-intimat appellat, b’dan li l-kaz jigi finalment deciz skond il-Ligi.**

**Bl-ispejjez stante n-natura tal-kaz jinqasmu bejn il-partijiet odjerni.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------